MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 2093/2002

**Alfred Gera & Sons Limited**

**vs**

**Oscedet Company Limited u Sebastiano Calabretta**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fit-3 ta' Settembru, 2002, fejn intalab il-hlas ta' elf lira Maltija tmienja u erbghin centezmu (Lm1,00.48) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar ta' bejgh ta' merkanzija konsistenti f'medicini u toiletries ghall-ispizerija M4 Pharmacy, Attard (Dok A) operata mis-socjeta' konvenuta u li l-konvenut l-iehor Sebastiano Calabretta obbliga ruhu mas-socjeta' attrici li jaghmel tajjeb bhala direttur ghad-dejn ta' l-istess socjeta' konvenuta u fil-fatt hareg cheques personali (li ma ssarfux) favur is-socjeta' attrici biex ikopri l-ammont dovut;**

**Bl-ispejjez u bl-interessi b'effett mill-31 ta' Mejju 2002 data ta' l-ahhar fattura, kontra l-konvenuti insolidum bejniethom imharrkin in subizzjoni.**

**Ra r-risposta ta' Ocsedet Company Limited ipprezentata fit-13 ta' Novembru 2002 fejn intqal li l-kumpanija konvenuta tammetti t-talba limitatament ghas-somma ta' tmien mitt lira (Lm800) kif jirrizulta mill-anness invoice pprezentat mill-kumpanija attrici datat 8 ta' Ottubru, 2002.**

**Ra r-risposta tal-konvenut Sebastiano Calabretta pprezentata fit-30 ta' Dicembru 2002 fejn gie eccepit li l-konvenut Calabretta m'ghandu jaghti xejn lid-ditta attrici. Huwa kien biss impjega ma' l-M4 Pharmacy li tappartjeni lis-socjeta' Ocsedet Limited. Il-merkanzija inkwistjoni kienet ordnata f'isem u kkonsenjata lill-M4 Pharmacy u ghalhekk kull ammont li jista' jkun dovut lid-ditta attrici huwa responsabbilta' tas-socjeta' Oscedet Limited.**

**Sema' x-xhieda ta' Andrew Degaetano, Patricia Calabretta, Sebastiano Calabretta. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Sema' lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**

**1. Li din il-kawza qed issir ghal hlas ta' merkanzija u l-punt principali huwa dwar min ghandu jhallas dan l-ammont u ghandhux jithallas kollu.**

**2. Jibda' biex jigi rilevat illi hemm ammissjoni da parti tal-kumpanija Oscedet Company Limited limitatament ghas-somma ta' tminn mitt lira (Lm800).**

**3. Skond ma xehed Andrew Degaetano rapprezentant tas-socjeta' attrici, kienu hargu sitt cheques minn Sebastiano Calabretta u dawn ma gewx onorati. Kopja ta' dawn ic-cheques jinsabu esibiti Dok AD u AD 2 u kienu fl-ammont ta' elf mitejn**

**tlieta u sittin lira u seba' u tmenin centezmu (Lm1263.87). Skond dan ix-xhud il-konvenut Calabretta kien hallas tlett mitt lira (Lm300) fis-7 ta' Awissu 2002, filwaqt li martu hallset mitejn lira (Lm200) fit-23 ta' Settembru 2002 u hemm bilanc dovut ta' tminn mitt lira (Lm800). Xehed ukoll illi fis-26 ta' Marzu, 2002 l-istess Sebastiano Calabretta ffirma credit application form Dok A 4. It-Tribunal jinnota li fl-istess formola, l-firmatarju jiddikjara illi:**
**"i/we personally, jointly and severely, accept liability for any amount due".**

**4. Jirrizulta illi l-M4 Pharmacy tassew kienet gestita minn Oscedet Company Limited. Ir-ricevuta tas-socjeta' attrici (Dok A) harget fil-konfront ta' M4 Pharmacy.**

**5. Il-konvenut Sebastiano Calabretta qal li meta kien iffirma li jaccetta r-responsabilta' ghal hlas fuq id-Dok A4, hu ma kienx jaf li qed jiffirma f'dak is-sens.**

**6. It-Tribunal ma jsibx sostenibbli dak li qed ighid Sebastiano Calabretta li kien biss impjegat ta' l-M4 Pharmacy.**

**7. Jirrizulta illi fil-fatt meta Sebastiano Calabretta ffirma d-Dok A 4, dana kien qieghed fil-fatt jassumi r-responsabbilta' personalment kif ukoll insolidum ghall-ammont dovut. Ghalhekk it-talba attrici hija gustifikata fl-ammont pero' ta' tminn mitt lira (Lm800) u dana tenut kont tal-pagamenti li saru.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u qed jikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tminn mitt lira (Lm800) bl-imghaxijiet mill-31 ta' Mejju 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopporatati interament mill-konvenuti in solidum bejniethom.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------